

22001D0060

6.9.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 238/1

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 60/2001****tad-19 ta' Ġunju ta' l-2001****li jemenda l-Anness I (Fuq materja veterinarja u fitosanitarja) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT EWROPEW,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk imsemmi bħal l-“Ftehim”, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2000 tat-2 ta' Ottubru ta' l-2000 ⁽¹⁾.
- (2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2293/1999 ta' l-14 ta' Ottubru ta' l-1999 li jestendi l-awtorizzazzjonijiet proviżorji ta' ċerti addittivi ta' alimenti ⁽²⁾ għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2430/1999 tas-16 ta' Novembru ta' l-1999 li jlaqqa' l-awtorizzazzjoni ta' ċerti addittivi li jappertjenu mal-grupp ta' coccidiostats u sustanzi oħra mediċinali falimenti għal persuni responsabbli għat-tqiegħid tagħhom f'ċirkulazzjoni ⁽³⁾ għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2439/1999 tas-17 ta' Novembru ta' l-1999 dwar il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi li jappertjenu lill-grupp “binders, anti-caking agents u coagulenys” fl-alimenti ⁽⁴⁾ għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2562/1999 tat-3 ta' Diċembru ta' l-1999 li jlaqqa' l-awtorizzazzjoni ta' ċerti addittivi li jappertjenu lill-grupp ta' antibiotiċi fl-alimenti għal persuni responsabbli għat-tqiegħid tagħhom fiċ-ċirkulazzjoni ⁽⁵⁾ għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.
- (6) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2690/1999 tas-17 ta' Diċembru ta' l-1999 li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni ta' addittivi ġodda fl-alimenti ⁽⁶⁾ għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

⁽¹⁾ ĠU L 315, ta' l-14.12.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 284, tas-6.11.1999, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 296, tas-17.11.1999, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 297, tat-18.11.1999, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 310, ta' l-4.12.1999, p. 11.

⁽⁶⁾ ĠU L 326, tat-18.12.1999, p. 33.

IDDEĊIEDA S-SEGWENTI:

Artikolu 1

Il-punti segwenti għandhom ikunu mdaħħla wara punt 1i (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1636/1999) f'Kapitolu II ta' l-Anness I għall-Ftehim:

- “1j. **399 R 2293**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2293/1999 ta' l-14 ta' Ottubru ta' l-1999 li jestendi l-awtorizzazzjonijiet proviżorji ta' ċerti addittivi fl-alimenti (ĠU L 284, tas-6.11.1999, p. 1).
- 1k. **399 R 2430**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2430/1999 tas-16 ta' Novembru ta' l-1999 li jestendi l-awtorizzazzjoni ta' ċerti addittivi li jappartjenu mall-grupp ta' coccidiostats u sustanzi oħra mediċinali fl-alimenti għal persuni responsabbli għat-tqiegħid tagħhom fiċ-ċirkulazzjoni (ĠU L 296, tas-17.11.1999, p. 3).
- 1l. **399 R 2439**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2439/1999 tas-17 ta' Novembru ta' l-1999 fuq il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi li jappartjenu mall-grupp 'binders, anti-caking agents u coagulants' fl-alimenti (ĠU L 297, tat-18.11.1999, p. 8).
- 1m. **399 R 2562**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2562/1999 tat-3 ta' Diċembru ta' l-1999 li jestendi l-awtorizzazzjoni ta' ċerti addittivi li jappartjenu mall-grupp ta' antibiotiċi fl-alimenti għal persuni responsabbli għat-tqiegħid tagħhom fiċ-ċirkulazzjoni (ĠU L 310, ta' l-4.12.1999, p. 11).
- 1n. **399 R 2690**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2690/1999 tas-17 ta' Diċembru ta' l-1999 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' addittivi ġodda fl-alimenti (ĠU L 326, tat-18.12.1999, p. 33).”

Artikolu 2

It-testijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 2293/1999, (KE) Nru 2430/1999, (KE) Nru 2439/1999, (KE) Nru 2562/1999 u (KE) Nru 2690/1999 fil-lingwi Ispaniċi u Norveġiżi, għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju ta' l-2001, sakemm in-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussel, 19 ta' Ġunju ta' l-2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġiet kostituzzjonali ma huma indikati.